Neil Kerr

Vs

S.S Lifts Ltd

CCT 149/23/CC

Illum 5 ta' Marzu, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-23 ta' Awissu 2023, fejn talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €543.32c (hames mija, tlieta u erbghin ewro, u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti somma imhallsa minnu ghal *transformer* ta' lift, li kellu jigi mibdul minhabba li l-istess lift ma baqax jiffunzjona.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2023 deher Patrick Sant in rappresentanza tas-socjeta intimata, fejn ikkontesta it-Talba avvanzata mir-rikorrenti u ddepona *viva voce* fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament, b'mod virtwali fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li fi Frar 2022 r-rikorrenti xtara lift ghal merkanzija (maghruf bhala *dumbwaiter*) minghand is-socjeta intimata. Madwar sena wara, fi Frar 2023 dan il-lift zviluppa hsara, li sussegwentement giet stabbilita li kienet rizultanti minn kondensazzjoni madwar is-*circuit board* tal-lift. Dak iz-zmien, is-socjeta intimata ssuggerit lir-rikorrenti sabiex jinstalla *ventilator* sabiex il-problema tigi solvuta. Ir-rikorrenti efettivament ghamel hekk, u l-kondensazzjoni giet eliminata.

Jirrizulta li madwar xahrejn wara dan l-akkadut, u cioe f'April 2023 waqt l-appuntament ghal manutenzjoni skedata tal-lift, il-lift waqaf jahdem minhabba li kien mar it-*transformer*. Ir-rikorrenti nforma lis-socjeta intimata dwar dan, li da parti taghha nfurmat lir-rikorrenti li t-*transformer* ma kienx kopert bil-garanzija, u ghalhekk kellu jithallas mir-rikorrenti.

Illi sussegwentent isegwu diversi skambji ta' emails bejn il-partijiet, u dan peress li r-rikorrenti insista li s-socjeta intimata kellha tinforma lir-rikorrenti minn qabel rigward l-installazzjoni tal-komponenti tal-lift.

Illi jirrizulta li is-socjeta intimata qieghda tikkontendi li kienet ir-responsabbilita tar-rikorrenti sabiex tinstalla l-komponenti tal-lift f'post adegwat, u ghaldaqstant it-*transformer* ma huwiex kopert mill-garanzija.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti, senjatament tad-dokument tal-garanzija li jistipula fi klawsola 5, it-terminu ta' *workmanship* - u jqis li l-vertenza bejn il-partijiet tinkwadra f'din il-klawsola. Dan qieghed jigi rilevat partikolarament peress li meta ftit xhur qabel ir-rikorrenti gie gwidat mis-socjeta intimata sabiex jinsatalla *ventilator* huwa effettivament ghamel hekk.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielhu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €543.32c (hames mija, tlieta u erbghin ewro, u tnejn u tletin centezmu).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru